# Dun Xand Cortis...

## Is-sena 2006 - 150 minn Twelidu

**Kitba ta' Charles Scerri**



■ Ma stajtx inħalli din is-sena tgħaddi bla ma nfakkar b'xi mod il-memorja ta' Dun Xand Cortis. Dan is-saċerdot li, għalkemm twieled 'il bogħod mir-raħal tagħna, tant ħadem fost il-Vendriżi ta' dak iż-żmien. Is-sena 2006, barra milli taħbat seklu u nofs minn twelid Dun Xand, hija sena li fiha jaħbtu anniversarji li jispiċċaw jew bin-numru 5 jew biż-0.

### *150 Sena ilu*

■ Dun Xand twieled fil-11 ta' Jannar 1856 fir-raħal ta' Ħad-Dingli. Kien ġej minn familja ta' bdiewa li aktarx kienu jaħdmu r-raba' tagħhom stess. Missieru kien jismu Ġanni u ommu kienet Klemenzja Muscat. Fil-familja kienu ħames aħwa li fosthom, Mattew, ukoll sar saċerdot. Xandru kien ir-raba' wild.

Xandru, bħala tifel, kien jgħin lill-familja fix-xogħol tar-raba'. Iżda ġie żmien meta ħass il-vokazzjoni ta' saċerdot. Ħuh, Mattew, kien diġa' beda jistudja għal saċerdot. Hu ħalla kollox u ntafa' fuq l-istudju, għalkemm baqa' wkoll jgħin lil missieru u lil ħutu meta kellu ħin. Barra mill-iskola normali, Xandru kien, filgħaxija, jerħilha bil-mixi minn Ħad-Dingli għall-Imdina għand Mons. Ludovik Mifsud Tommasi biex jitgħallem it-Taljan, il-Latin u l-Franċiż. Xandru studja wkoll fl-iskola tal-gvern, fis-Seminarju u fl-Università.

### *125 Sena ilu*

■ Fil-21 ta' Settembru 1881, hu ngħata d-Dottorat fid-Divinità (D.D.) u wara sar qassis fis-17 ta' Diċembru 1881, jiġifieri 125 sena ilu.

### *120 Sena ilu*

■ Fis-sena 1886, jiġifieri 120 sena ilu, il-familja ta' Dun Xand marret toqgħod ġo Ħal Balzan. Hu mill-ewwel intafa' jaħdem bħala saċerdot fost il-poplu ta' Ħal Balzan. Sadanittant, ħuh, jiġifieri Dun Mattew, leħaq Kappillan ta'

Ħal Lija fl-1888 u Dun Xand mar joqgħod miegħu fid-dar tal-Kappillan.

Dun Xand, barra milli kien saċerdot ħabrieki, kien imsemmi bħala predikatur tajjeb u konfessur mill-aħjar. Kien ukoll membru tal-Missjoni ż-Żgħira li kienet iddur il-parroċċi f'Malta. Is-saċerdoti tal-Missjoni kienu jagħmlu korsijiet ta' priedki, jqarru, u jagħtu l-pariri lil min ikollu bżonn.

***Maltin Emigrati***

■ Fiż-żmien li qed insemmu, numru mhux ħażin ta' Maltin kienu jemigraw lejn portijiet u gżejjer fil-Baħar Mediterran. Dun Xand kien ħass il-vokazzjoni ta' missjunarju fost ħutu l-Maltin. Hu siefer kemm-il darba biex jgħin lill-Maltin permezz ta' qrar, priedki, pariri u quddies.

Fost il-pajjiżi li żar insemmu l-Palestina (1890), it-Tuneżija (1892 u 1894), l-Alġerija (1896), it-Tuneżija u l-Alġerija (1899-1900) u l-Greċja u Korfù (1901). Tant kien iħobb dil-ħidma, li wara ismu kien jikteb "Mis. Apos." (Missjunarju Appostoliku) - mhux bi ftaħir imma għax kien magħruf hekk.

Għall-ħabta tal-1887, Dun Xand kien Kappillan fil-Konservatorju Vincenzo Bugeja li hemm f'Santa Venera (ħdejn ir-roundabout tal-lum). Jidher li b'hekk, Dun Xand resaq lejn Santa Venera. Hu sar ħabib tas-Sur Edward Delicata li kien joqgħod viċin u li kien imdaħħal fil-produzzjoni tal-imbid. Kien jgħaddi ġimgħat sħaħ f'din id-dar li għadha wieqfa sal-lum fil-bidu ta' Triq Braille. Wara xi żmien, għall-ħabta tal-1900, Dun Xand bena dar għalih ftit 'l isfel mid-dar tas-Sur Delicata fit-triq li diġà semmejna.

***105 Sena ilu***

■ Fl-1901, jiġifieri 105 sena ilu, Dun Xand inħatar Rettur tal-Knisja ta' Santa Venera mill-Arċisqof. Dun Xand jidher li mill-ewwel beda jħoss li għall-ġid tan-nies tal-inħawi kellu jinstab xi ordni reliġjuż ta' patrijiet biex jieħdu ħsieb dan il-lokal. L-Agostinjani, id-Dumnikani, it-Tereżjani, il-Franġiskani Minuri Osservanti kollha ppruvaw jidħlu għal dil-biċċa xogħol, iżda min għal ħaġa u min għal oħra ma waslux.

Fl-aħħar, il-Karmelitani aċċettaw li jiġu f'Santa Venera. B'hekk ix-xewqa ta' Dun Xand Cortis saret realtà. Dun Xand kien aktar kuntent, għax peress li beda jħoss xi nkwiet f'saħħtu, fil-Karmelitani sab min kien jista' jieħu ħsieb il-ġid spiritwali tan-nies ta' Santa Venera. B'digriet tal-Arċisqof Mons.

Pietru Pace il-Knisja ta' Santa Venera saret viċi parroċċa fil-11 ta' Marzu 1913. Dun Xand baqa' jaħdem u joqgħod f'Santa Venera u kien ħabib kbir ta' Patri Spir Vassallo, Karmelitan, li kien kemm-il darba Provinċjal tal-Ordni.

### *90 Sena ilu*

Bħal sajjetta fil-bnazzi, Dun Xand miet fl-età ta' 60 sena nhar is-17 ta' Frar 1916, jiġifieri 90 sena ilu. Hu miet waqt passiġġata ma' Patri Spir fl-Imrieħel, fit-triq li minn hemm tieħu għal fejn illum hemm it-terminus tax-xarabanks ta' Birkirkara. Fejn miet, niftakar li kien hemm irħama b'tifkira.

Ħasra li din l-irħama intilfet waqt l-iżvilupp ta' dawn l-inħawi. Ħasra wkoll li Dun Xand ma kellux ix-xorti li jara l-knisja ta' Santa Venera għax saret hekk fl-4 ta' Settembru 1918. Hu kien bniedem umli u li ma jħobbx ftaħir. L-aħbar tal-mewt tiegħu xterdet ma' Malta kollha. Dan jidher mill-kitbiet li dehru fil-ġurnali ta' dak iż-żmien iħabbru l-mewt tiegħu.

### *Dun Xand - Kittieb*

Minbarra li Dun Xand kien saċerdot ħabrieki, kien kittieb ta' ħafna kotba: l-aktar magħrufa huma l-kotba tal-praspar. Xewqtu dejjem kienet li l-poplu jidra jaqra bil-Malti. Il-Malti li kien juża kien jifhmu kulħadd.

### *Tana Identità*

F'Santa Venera, nistgħu nqisu li Dun Xand Cortis tana identità. Fejn qabel, id-distrett agrikolu ta' Santa Venera kien jagħmel ma' Birkirkara, Ħamrun, Qormi jew Imsida, bit-twaqqif ta' Santa Venera viċi parroċċa u wara bħala parroċċa, Santa Venera iffurmat ruħha bħala raħal jew subborg għalih. Jixraq li jitwaqqaf monument addattat f'xi pjazza b'tifkira tiegħu. Xieraq li fi tmiem ta' dan l-artiklu, inġibu s-sunett li kien kiteb Mario Agius fil-ħarġa ta' "Il-Berqa" tas-17 ta' Frar 1941, f'għeluq il-25 sena mill-mewt ta' Dun Xand Cortis.

### *Lil Dun Xand Cortis*

Għaraft x'inhuwa d-dmir fil-jiem tal-ħajja
Lejn il-Feddej ħanin. Bi driegħ setgħana
Ħdimt u għallimt kif dan jurina l-ġrajja:
Minnek ukoll miktuba b'qalb ferħana:

Sifirt mingħajr qatt ħsiebek kien jitlajja
Għal ġid ta' l-art, u ħdimt fost nies barrana,
Fejn bosta wlied ta' Malta, b'ruħ it-tbajja'
Għal mawra tiegħek kienu wisq għatxana:

Ħabbejt sa minn żgħożitek b'għożża kbira
'Il-ġid tal-kotra l-kbira b'qalb xewqana:
Għat-tagħlim bnin u l-kitba sbejħa tiegħek.

Jibqgħu il-kotba tiegħek, hemm, b'tifkira:
Tal-għerf u mħabbtek safja għal-lsien tagħna:
Kont Patrijott u ġieħek jibqa' miegħek!



*Dun Xand Cortis*

---

*Referenzi:*


*Mifsud Ġorġ: Edizzjoni Kritika: Il-Praspar miktuba minn Dun Xand Cortis, PEG Ltd 1991.*
*Falzon Chris: Ktieb ta' Tifkira - Festa ta' Santa Venera, 2005; Kumitat Festi Esterni, 2005.*
*Borg Savio: Ktieb Festa Santa Marija - 2004, Had-Dingli.*
*Cachia Pawlu: Min kien Dun Xand Cortis: Il-Ħaddiem, 17 ta' Mejju 1966 u 19 ta' Lulju 1966.*



**RALPH INDUSTRIAL SUPPLIES**

SOLE AGENTS, IMPORTERS & WHOLESALERS FOR:
STAYER, TELWIN, SHAMAL, FABRIS




544, St. Joseph High Road,
St. Venera
Tel/Fax: 21 239707